MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 346/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Wendy Gauci**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-qorti pprovdiet fil-konfront ta' Wendy Gauci wara li l-Ufficjal tal-*Probation* li kienet qed tissorvelja lill-istess Gauci ddenunzjat ksur ta' kondizzjoni tal-Ordni ta' *Probation* li tahtu din kien tqieghdet.

**2.** Wendy Gauci tressqet b'att ta' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzata b'pussess (semplici) kontra l-ligi tad-droga erojina. Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2006 quddiem dik il-qorti, Gauci ammettiet l-akkuza migjuba kontra taghha, u l-qorti, b'sentenza

moghtija f'dik l-istess gurnata, wara li ddikjaratha hatja, poggietha taht il-harsien ta' Ufficjal tal-*Probation* ghal periodu ta' sentejn.

**3.** Fost il-kundizzjonijiet annessi ma' l-Ordni ta' *Probation* (ara fol. 7 ta' l-atti tal-appell numru 340/07) hemm li l-*probationer* --

**"(1) … ghandu jgib ruhhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija…"**

**4.** Fis-16 ta' April 2007 l-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia iddenunzjat lill-*probationer* ghax din, waqt li kienet qed issegwi programm ta' riabilitazzjoni gewwa San Blas, kisret regolament tal-programm u tkecciet mill-istess programm. B'nota ohra, din id-darba tas-27 ta' April 2007, l-Ufficjal tal-*Probation* infurmat lill-qorti li Gauci kienet issa qed tirrifjuta li tkompli ssegwi l-programm. Fis-7 ta' Settembru 2007 Gauci regghet giet iddenunzjata mill-Ufficjal tal-*Probation* imsemmija mhux biss talli kienet baqghet qed tirrifjuta li ssegwi d-direttivi taghha, izda talli kienet "regghet bdiet tabbuza mid-droga". Fl-udjenza ta' l-4 tal Ottubru 2007 il-Qorti Inferjuri semghet bil-gurament mhux biss lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia li, fost affarijiet ohra, xehdet li Gauci kienet qed tghix hajja "illi xejn ma kienet qed tghinha", izda semghet ukoll id-deposizzjoni cara izda mill-qalb tas-Surgent Maggur 45 Marisa Bartolo li ghal diversi xhur kienet ghamlet minn kollox biex tghin lil Gauci – li llum ghandha biss tmintax-il sena w nofs – izda kien kollu ghal xejn. Fost affarijiet ohra il-Maggur Bartolo tghid hekk:

**"…din nista' nghidha jien, hi qed taghmilha ma' nies li qed jitraffikaw id-droga u mhix fit-triq it-tajba…Ippruvajt inkellimha f'din il-Qorti stess isfel fil-presenza tal-*parents* taghha li qed taghmel hazin ma tkomplix il-programm, gholliet spallitha u qalet 'ma jimpurtanix'. U ghidtilha jien li jekk hemm bzonn nixhed li tidhol il-habs, ajhar il-habs milli majta barra. L-ewwel nett bhala omm, it-tieni nett bhala pulizija ghax mhux sew tikser il-ligi, ghad ghandek 18-il sena u qed taghmel li trid b'kulhadd, u mhux *fair* li lill-**

**ommha u lill-missierha gabithom qishom id-Duluri. Mhux *fair*. Lanqas qatt ma tkellimt hekk kontra hadd imma hi taf li dawn is-sentejn kemm-il darba cempluli l-*parents* jista' jkun waqt il-hin tax-xoghol u anke waqt il-hin liberu tieghi, kont immur id-dar taghhom, qatt ma ghamiltha kemm ili fil-Korp. Maghha ghamiltha ghax pruvajt li hemm cans. U kien hemm periodu hsibtha ser tirnexxi. Illum il-gurnata jiddispjacini li fallejna. U ma tridx taf."** (fol. 18 u19).

**5.** Bid-decizjoni taghha tal-4 ta' Ottubru 2007, l-ewwel Qorti, wara li invokat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, ipprovdiet dwar id-denunzja billi halliet fis-sehh l-Ordni ta' *Probation* u kkundannat lil Wendy Gauci ghal xahar prigunerija.

**6.** Minn din id-decizjoni appellaw kemm l-Avukat Generali, b'rikors datat 12 ta' Ottubru 2007, kif ukoll Wendy Gauci b'rikors li jgib id-data 16 ta' Ottubru 2007.

**7.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu bazikament li l-ewwel qorti applikat il-ligi hazin, ghax flok ma applikat ghall-kaz in dizamina l-Artikolu 21 tal-Kap. 446, erroneament applikat l-Artikolu 23. Min-naha taghha Wendy Gauci tikkontendi li l-piena ta' xahar prigunerija kienet eccessiva. Inoltre hija taqbel li ma setghetx tigi kundannata ghal piena (ta' prigunerija) u fl-istess hin tithalla taht Ordni ta' *Probation*.

**8.** Fl-udjenza tal-bierah din il-Qorti regghet semghet bil-gurament lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia, li bazikament ikkonfermat li Gauci kienet regghet bdiet tabbuza mid-droga u li ghal dak li huwa l-iskop tal-Ordni ta' *Probation*, wara li kienet waqfet mill-programm ma kienx qed isir progress. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi sodisfatta li inkisret ripetutament il-kundizzjoni aktar 'l fuq imsemmija. Issa, kif gustament josserva l-Avukat Generali fir-rikors tieghu, ghall-ksur ta' kundizzjoni ta' Ordni ta' *probation* japplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 u mhux l-Artikolu 23 – dan ta' l-ahhar japplika biss meta jkun hemm sejbien ta' htija fir-rigward ta' reat li jkun sar matul il-periodu tal-Ordni ta' *Probation*, li ma hux il-kaz odjern. Fil-kaz ta' ksur tal-kundizzjoni ta' Ordni ta'

*Probation* hu applikabbli l-Artikolu 21, li fi kwalunkwe kaz jipprovdi li l-qorti tista' taghmel wahda minn zewg affarijiet: (i) jew thalli fis-sehh l-ordni ta' *probation* u semplicement timponi ammenda ta' mhux izjed minn mitt lira, jew (ii) titratta mal-*probationer* ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja b'kull mod kif setghet titratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati ghar-reat jew reati li ghalih jew ghalihom huwa kien originarjament tpogga taht Ordni ta' *Probation*. Minn kull aspett, ghalhekk, id-decizjoni ta' l-ewwel qorti ma kinitx skond il-ligi, u l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt.

**9.** Kwantu ghall-appell ta' Wendy Gauci, ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa kjarament fl-interess ta' Gauci li hija tinghata ghajnuna f'ambjent ikkontrollat: fi kliem il-Maggur Bartolo, ahjar il-habs milli mejtha fit-triq.

**10.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appelli interposti bil-mod segwenti: (**a**) tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi; (**b**) tirrespingi l-appell ta' Wendy Gauci in kwantu din qed titlob li tigi kkundannatha ghal piena aktar miti minn dik ta' xhar prigunerija; u (**c**) wara li rat l-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446, ir-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, l-Artikolu 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap 9 (u dan peress li r-reat gie kommess meta Gauci kellha biss 16-il sena) tiddeciedi li titratta ma' Wendy Gauci ghar-reat li dwaru hija kienet originarjament akkuzata u dikjarata hatja, u ghalhekk tikkundannaha ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda li matul il-periodu ta' inkarcerazzjoni taghha l-hatja tinghata l-ghajnuniet kollha sabiex hija tkun tista' tibda programm ta' riabilitazzjoni mill-problema taghha ta' dipendenza fuq id-droga. Komunika immedjata ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------